**Qawwa li tinkolla**

Qawwa li tinkolla
Dak li fih dan l-iskrin,
Għalih immur kmieni
Tgħid jagħmilni hieni?

Jew jaf jibdilli l-jum
Fl-arja kemm jista' jkun?
Miegħu m'hemmx realtà
Xejn anqas lealtà.

L-iskrin ma.jitkellimx
Wisq anqas ma jsellimx,
Jibbalzma ' l min jarah
Ma jkellmikx kif tużah.

Bla tbissima l-iskrin
Għax mhux gej mill-Bambin,
U jidhak b'min irid
Mieghu ssir bħas-sadid.

Mal-iskrin ma tikbirx
Addijo titnikkirx,
Bl-iskrin issa li jgħodd
Biss le tibni biss tħott.

Tħott l-imħabba ħelwa
Li tinbidel dnewwa,
U l-qalb kemm tiġġerraħ
Ma tibqax le tferraħ.

L-iskrin kemm ibiegħed
Bl-inkwiet kemm iriegħed,
Jibni biss fuq li jħoss
Jagħmel straġi bla ħoss.

Ejjew nifdu ‘l xulxin
Issa l’għadna fil-ħin,
L-iskrin inwarbuh ftit
Titkellem qalbna trid.

Niltaqgħu wiċċ ma’ wiċċ
Nevitaw l-iskariġġ,
Li nibqgħu mifrudin
Mill-iskrin x’waħdadin!

Mela tħabbilx rasek
L-iskrin jaf jikkrolla,
Ħobb wiċċ Ġesù f'ħutek
Wiċċu jikkontrolla.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta' Lulju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.